MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## SCIBERRAS PHILIP LL.D.

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1246/1992/1

**Stefan Bonello**

**Vs**

**Carmelo sive Charles Abela**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi waqt li l-attur kien qed isuq il-vettura tieghu numru L-9198 minn B'Kara By-Pass k/m Thomas Fenech Street, B'Kara fit-13 ta' Marzu 1992 huwa safa involut f'incident awtomobilistiku mal-karrozza G-1071 li kienet misjuqa mill-konvenut u b'rizultat ta' dan l-incident il-vettura ta' l-attur sofriet danni qawwija, kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Premess illi dan l-incident gara b’tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja, negligenza, non-curanza u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;

Premess illi meta l-konvenut gie mitlub jikkompensa lill-attur huwa baqa’ inadempjenti;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara illi din il-kollizzjoni grat tort unikament tal-konvenut minhabba negligenza, imprudenza, nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku u non-curanza tal-konvenut;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur, jekk hemm bzonn bl-opera ta’ periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-istess konvenut jhallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata in linea ta’ danni skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi;

Bl-imghax legali u bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra legali kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur, u il-lista tax-xhieda indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ghall-incident awtomobilistiku mertu tal-kawza gara unikament b’tort ta’ l-attur;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut, u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tal-11 ta’ Dicembru 1992 li permezz tieghu gie nominat bhala espert gudizzjarju l-avukat Dr. Mark Chetcuti biex ifittex u jirrelata u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess espert li tinsab a fol. 29 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-Udjenza tal-21 ta’ Novembru 1997;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Fl-opinjoni ta' dina l-Qorti jidher li fost it-teoriji u d-duttrini, anke ta' awtoritajiet akkreditati in materja ta' incidenti tat-traffiku jibqghu in linea ta' massima tnejn il-principji kardinali, jigifieri dawk li:-

(a) kull *driver* ghandu jirregola s-sewqan tieghu skond il-kondizzjonijiet u c-cirkostanzi li jkun jinsab fihom;

(b) kull *driver* ghandu f'kull waqt tas-sewqan izomm dak li jissejjah "*a proper look out*", senjatament qabel, fil-mument u waqt li jkun qed jaghmel xi manuvra;

Fil-kaz in ezami l-konvenut ma xehedx u lanqas ressaq provi.  Ghalhekk il-Qorti qed ikollha tistrieh fuq ix-xhieda ta' l-attur, l-isketch u l-okkorrenza, dawn ta' l-ahhar esebiti wara li l-perit relatur kien gja halef ir-relazzjoni tieghu. B'danakollu dawn mhux biss ma jtellfu xejn mill-konkluzjonijiet peritali izda ghal kuntrarju jikkonsolidaw il-fehma illi ghas-sinistru kien unikament responsabbli l-konvenut;

Jirrizulta, mhux kontraddett, mix-xhieda ta' l-attur illi fil-jum ta' l-incident - 13 ta' Marzu 1992 - huwa hareg mill-Universita` mid-direzzjoni ta' l-Imsida sejjer lejn Birkirkara. Quddiemu fl-*inner lane* tal-B'Kara By-Pass kellu vettura ohra.  It-triq kienet mudlama.  F'hin minnhom waqt li wasal

biex idur hdejn ir-*roundabout* sema' hoss ta' "*swerving*". Joseph Cuschieri, is-sewwieq tal-vettura l-ohra, jikkonferma dan u jaggungi li hu lemah lill-konvenut gej sparat mill-faccata u bl-istess *speed* dar mar-*roundabout*, u saret il-habta. Din id-dinamika ta' l-incident jidher li ssib konfort mill-okkorrenza u mill-iskizz imhejji mis-Surgent PS 298 Joseph Grima, li kif, inghad, iddepona wara li kien gja mahluf ir-rapport tal-perit legali. Fi kliem dan ix-xhud "*is-sustanza ta' dak li qaluli t-tliet sewwieqa jien nizziltu fl-okkorrenza*". F'din insibu li "*in reaching the roundabout in B'Kara By-Pass c/w Tumas Fenech Street, the driver of car no. K-1071 which was being driven along B'Kara By-Pass from the direction of Lija ... failed to stop on reaching B'Kara By-Pass ...*" Dan isahhah il-verzjoni moghtija mill-attur u mix-xhud tieghu u jirrendiha tassew attendibbli;

Intqal fid-decizjoni "**Carmel Camilleri -vs- Leone Pillow**", Appell, 7 ta' Ottubru 1997 illi s-surgent li jikkonduci l-investigazzjoni "*huwa recorder tal-'res gestae' u hu fid-dover tieghu qabel xejn, bhala parti mill-investigazzjoni tieghu, li jigbor il-fatti rilevanti kif jirrizultawlu materjalment u jirregistrahom fl-iskizz ta' l-okkorrenza.*" Dan ifisser illi meta l-iskizz ikun maghmul b'mod professjonali ghandu jittiehed li jaghmel prova ta' dak li juri;

Minn dak s'issa dedott u mill-provi migjuba jista' jitqies ovvju illi l-konvenut ma ottemperax ruhu ma' l-ewwel dmir li ghandu jkollu sewwieq u ma gharafx jirregola s-sewqan tieghu tenut rigward tal-fatt tal-hin ta' bil-lejl, id-dlam u dan kombacjat ukoll mas-sewqan certament eccessiv tieghu. Kiser ukoll it-tieni obbligu meta kompla jsuq b'mod inkonsult meta kien qed javvicina B'Kara By-Pass, naqas li jieqaf jew jirrallenta l-velocita` tal-vettura meta kien qed javvicina r-*roundabout*;

Ma jistax jkun hemm l-ebda dubbju ghalhekk illi l-incident, mehuda bhala korretta u veritjiera l-verzjoni ta' l-attur, hekk sostenuta mill-isketch u l-okkorrenza, kien provokat bin-nuqqas tal-konvenut li jzomm "*a proper look out*" u dan in rapport ghas-sitwazzjoni u l-kontingenzi ezistenti li kien rinfaccjat bihom f'dak il-mument;

Il-Qorti hi ghalhekk sodisfatta li l-kawza prossima u immedjata ta' l-incident hi attribwibbli lill-konvenut ghal kumpless tal-fatturi fuq accennati; in partikulari l-mod ta' sewqan kjarament nieqes mill-obbligi elementari;

In tema legali jibqa' bil-wisq pacifiku il-hsieb li "*f'materja ta' danni akkwiljani l-ligi Maltija tippreciza l-grad tal-kolpa li ggib ir-responsabilta` ghad-danni billi tiritjieni li hu in kolpa min ma juzax il-prudenza, diligenza u attenzjoni ta' 'bonus paterfamilias'*" (Art. 1032 (1) u 1033 tal-Kodici Civili - **Vol. XLIV P I p 343**);

Kwantu ghall-irjus tad-danni li l-attur jallega li sofra b'rizultat ta' l-incident dawn ma gew bl-ebda mod ikkontestati. Ghalhekk qed jigu accettati anke ghaliex dawn huma sopportati mid-dokumenti esebiti mill-attur.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi billi tirritjieni li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-kollizjoni u f'dan is-sens tilqa' l-Ewwel Talba'.

Tilqa' ukoll it-Tieni u t-Tielet Domandi u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma likwidata ta' elf mitejn u tnejn u sebghin lira Maltija, sebgha u disghin centezmu (Lm1272.97) in linea ta' danni.

Bl-imghax legali mid-data ta' din is-sentenza u bl-ispejjez kollha tal-kawza a kariku tal-konvenut.

(ft) Philip Sciberras

___________________________

Onor. Philip Sciberras
Imhallef

(ft) Emanuel Sciriha

______________________

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur